# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 15 Nov/Dec 1983




## Editorjal:

## Wara ċ-Ċensiment tal-Quddies

Ftit tal-jiem ilu, il-Bord Riċerka Pastorali tal-Kuria Arċiveskovili ta' Malta, ħabbar uffiċjalment ir-riżultat taċ-Ċensiment li kien sar fost il-poplu t'Alla dwar l-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Bħal kull ċensiment ieħor, il-poplu stenna herqan ir-riżultat. U r-riżultat ħareġ. Filwaqt li fl-Ewropa huwa magħruf li 37% tal-kattoliċi jaqdu dmirhom ta' nsara u jisimgħu il-quddiesa nhar ta' Ħadd, f'Għawdex instab li minn total ta' 20,387 persuna li huma fl-età u l-kundizzjoni li jisimgħu l-quddies, marru 20,361, jiġifieri 96.98% Persentaġġ għoli ħafna u li forsi jserraħ l-irjus.

Jekk nagħmlu hekk, jiġifieri nserrħu rasna bir-riżultat, inkunu qegħdin nuru nuqqas ta' għaqal.

Jeħtieġ li nagħmlu żewġ osservazzjonijiet:

(a) **it-3% li ma jmorrux** quddies nhar ta' Ħadd huma Għawdxin bħalna, forsi jiffurmaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna. Bħala nsara maturi jeħtieġ li anke ċifra, forsi daqshekk żgħira, għandha tinkwetana, u rridu nippruvaw naraw x'wassal lil dawn in-nies biex ma jibqgħux jaqdu dmirhom ta' nsara nhar ta' Ħadd. Irridu ngħinuhom, u ninkoraġġuhom u nfissrulhom x'importanza għandha il-quddiesa fil-Jum il-Mulej.

(b) **id-97% li jmorru:** din iċ-ċifra tpoġġilna quddiem għajnejna l-mistoqsija: **Kemm minn dawn il-persuni pparteċipaw bis-sħiħ fil-quddiesa li għaliha attendew?** Id-97% turi n-numru ta' nies li daħlu l-knisja u poġġew fuq il-bank, iżda ma nistgħux inkejlu kemm minnhom ħadu sehem attiv f'dak kollu li jsir.

Tajjeb għalhekk li kulħadd jagħti sehem tiegħu sabiex jekk huwa possibbli t-3% li mhix tattendi ngħinuha terġa' tibda' tieħu sehem, filwaqt li nagħmlu ħilitna kollha biex ħadd mid-97% ma jfellaq 'l-quddiem. Dan jista' jsir biss kemm il-darba l-quddiesa tkun tfisser għalina l-**"laqgħa tagħna, ulied Alla, ma' Missierna li qiegħed fis-Sema, u li fil-quddiesa jkellimna u jagħtina l-messaġġ tiegħu".**



## NILTAQGĦU NĦAR

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

### NOVEMBRU 1983

**It-Tlieta 1:**
**Solennità tal-Qaddisin Kollha. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni.**

**L-Erbgħa 2:**
**Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-2.00 p.m. Tifkira tal-Mejtin Kollha. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni.**

**Il-Ġimgħa 4:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni. Fis-7.00 p.m. quddiesa għall-irġiel fl-Oratorju.

**Is-Sibt 5:**
L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni.

**It-Tnejn 7:**
Konċelebrazzjoni għas-Saċerdoti Mejtin tal-Parroċċa fis-6.00 p.m.

**L-Erbgħa 9:**
**Konsagrazzjoni ta' l-Arċibażilika tal-Lateran. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.**

**Il-Ħadd 13:**
Festa tal-Korp Sant ta' San Klement. Fl-4.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**It-Tnejn 14:**
Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni għall-Benefatturi Mejtin tal-Parroċċa.

**It-Tnejn 14 — is-Sibt 19:**
**Ġimgħa ta' Aġġornament Reliġjuż. Fis-6.00 p.m. konferenzi mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi.**

**Il-Ħadd 20:**
Sollennità ta' Kristu Sultan. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u purċissjoni madwar il-Pjazza ta' quddiem il-Knisja.

**It-Tnejn 21:**
Konċelebrazzjoni għall-Imseħbin tas-Soċjetà Fil. La Stella fis-6.00 p.m.

**Il-Ħamis 24:**
Jum Universali ta' Radd il-Ħajr. Fis-6.00 p.m. quddiesa bl-omelija.

**Il-Ħadd 27:**
L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent. Illum u matul il-Ħdud tal-Avvent issir Quddiesa fl-4.00 p.m. bil-priedka tal-Avvent.

### DIĊEMBRU 1983

**Il-Ġimgħa 2:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni.

**Is-Sibt 3:**
L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni.

**L-Erbgħa 7:**
Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ħamis 8:**
Solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

**Il-Ħamis 15:**
**Bidu tan-Novena tal-Milied. Fis-6.00 p.m. quddiesa bil-priedka u kant ta' l-Alma Redemptoris Mater.**

**Is-Sibt 24:**
Lejlet il-Milied. Fil-11.30 p.m. purċissjoni bil-Bambin, priedka minn tfajjel, kant tas-Salmi u Konċelebrazzjoni Solenni.

**Il-Ħadd 25:**
**Il-Milied Imqaddes. Fl-4.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.**

**It-Tlieta 27:**
Solennita ta' San Ġwann Appostlu.

**Is-Sibt 31:**
**Festa ta' San Silvestru I Papa. L-Aħħar tas-Sena. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali u kant ta' 'Te Deum'.**

## Ulied Ġodda fil-Parroċċa

| | |
|---|---|
| **4.9.83** | MICHAEL iben Anton Saliba u Antonia neè Cauchi |
| **10.9.83** | ALEXANDRA bint Mario Tabone u Monica neè Formosa. |
| **17.9.83** | FRANZ-JOSEPH iben George Cauchi u M'Assunta neè Borg. |
| **17.9.83** | FRANK ANTHONY iben Marcell Tabone u Anna neè Ellis. |
| **9.10.83** | ROSALIE bint Anthony Farrugia u Maria neè Said. |

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

| | |
|---|---|
| **21.8.83** | Vincent Vella u Marlene Farrugia |
| **4.9.83** | Louis Mizzi u Georgette Said |
| **11.9.83** | Pierre-George Grech u Anna Xerri |
| **11.9.83** | George Pavia u Rosabelle Buttigieg |
| **17.9.83** | Mari Cini u Joseph Debrincat |
| **24.9.83** | Maria Sacco u Baskal Grech |

## Daħlu Qabilna fl-Eternità

| | |
|---|---|
| **6.9.83** | Salvatore Spiteri |
| **7.9.83** | Pawlu Cauchi |
| **15.9.83** | M'Angelo Galea |
| **6.10.83** | George Attard |
| **10.10.83** | Maria Farrugia |
| **13.10.83** | Lorenzo Farrugia |

# TROBBIJA U EDUKAZZJONI NISRANIJA

*jiktbilna Benny Mercieca*

Gaston Curtois, kittieb magħruf, fil-ktieb tiegħu, "L'Arte di Educare I Fanciuli d'Oggi", kiteb b'ittri kbar dawn il-kelmiet:
"Il-ġenituri għandhom mhux biss jikkooperaw m'Alla fil-ħolqien ta' l-ulied, iżda wkoll huma responsabbli quddiem Alla li jedukaw, mill-aħjar li jistgħu, lil dawn l-istess tfal".
Il-missjoni tal-ġenituri hija **kbira**: Alla stess jafdalhom it-tfal biex irabbuhom; hi **qaddisa:** il-ġenituri m'għandhomx jagħtu biss il-ħajja naturali, iżda wkoll dik tal-grazzja; hi **diffiċli**: li trabbi u teduka jfisser sagrifiċċju u paċenzja perseveranti. Bħalma skultur minn massa rħam joħroġ statwa mill-isbaħ, hekk ukoll il-ġenituri, permezz ta' trobbija u edukazzjoni tajba għandhom joħorġu minn uliedhom ċittadini onesti u nsara konvinti. Għalhekk l-edukazzjoni tat-tfal tiddependi ħafna minn tlett fatturi: l-ambjent fejn jgħixu, il-persuni li jiltaqgħu magħhom u t-tagħlim li jirċievu.
Li teduka ma jfissirx biss **trabbi:** mhux biżżejjed taħseb għall-għajxien tal-ġisem; trid taħseb ukoll fir-ruħ; ma jfissirx **tfissed**; il-fsied jeqred il-karattru; ma jfissirx **trazzan** b'dixxiplina u ħruxija żejda; ma jfissirx **tgħallem l-iskola** lit-tfal u tittraskura t-tagħlim u l-formazzjoni nisranija tagħhom.
Għalhekk, biex l-Edukazzjoni tkun sħiħa il-ġenituri għandhom **l-ewwel, jiffurmaw il-kuxjenza tat-tfal.** Il-ġenituri għandhom bil-kelma u bl-eżempju jgħinu lit-tfal jagħżlu t-tajjeb, il-veru u s-sabiħ, biex jaħarbu dak li hu ħażin, maħmuġ, qarrieqi u vizzjuż, biex jagħtu l-ewwel post 'l Alla u lil ruħhom u jgħinuhom iħossu li jkunu membri ħajjin fil-Knisja. **It-tieni, il-ġenituri għandhom jiffurmaw il-qalb tat-tfal,** biex ikunu sinċieri, ġentili u safjin fl-imġieba tagħhom ma kulħadd, biex ikollhom imħabba u rispett lejn għajrhom u biex jaħarbu minn kull moħqrija, xeħħa u egoiżmu. **It-tielet, jiffurmaw il-karattru tat-tfal.** Il-ġenituri għandhom jgħinu lit-tfal biex jaħsbu, jitkellmu u jopraw ta' ċittadini onesti u nsara koerenti (jgħixu dak li jemmnu), biex inisslu fihom sens ta' responsabilità, sagrifiċċju, dmir u onestà, u biex ikunu bnedmin ta' prinċipju, retti u konvinti.

Fl-Edukazzjoni ta' l-ulied hemm bżonn ta':
(a) **Kura:** tieħu ħsiebhom, tħarishom mill-kumpanija, tiggwidahom fil-ħajja u tinteressa ruħek fil-problemi tagħhom. Ifisser tgħallimhom bil-kelma u bl-eżempju, tara x'films jaraw, x'kotba jaqraw, x'postijiet jiffrekwentaw u x'kumpanija għandhom. Din il-kura hi meħtieġa dejjem, forsi l-aktar meta l-ulied jaslu fl-età ta' l-iżvilupp.
(b) **Korrezzjoni:** Huma l-ġenituri li jridu jnisslu f'uliedhom is-sens ta' ordni u rispett lejn l-awtorità. Għal dan meħtieġa d-dixxiplina. Niftakru li l-pjanta, jekk titla' mgħawġa sa minn ċkunitha, diffiċli li tidrittaha la tikber — l-istess ngħidu għat-tfal. Il-ġenituri għandhom iqaċċtu minn kmieni drawwiet ħżiena, difetti, idejat żbaljati li jinnotaw f'uliedhom.
Spiss nisimgħu lil uliedna jgergru li l-ġenituri "ma jifhmuniex", "ma jafdawniex", u "jindaħlulna ż-żejjed". Biex dan ma jsirx huwa ndispensabbli d-DJALOGU; il-ġenituri u l-ulied jifthu qalbhom ma' xulxin, jisimgħu lil xulxin, jiddiskutu flimkien bil-kwiet u bir-raġunar, jammettu l-iżbalji ta' xulxin. Niftakru li uliedna għad jitrattawna kif aħna nkunu ttrattajniehom; ir-rispett tal-lum ifisser rispett la nikbru.
(c) **Formazzjoni:** Barra l-eżempju tajjeb tal-ġenituri hi ndispensabbli l-formazzjoni reliġjuża ta' wliedna permezz tad-Duttrina. Hija responsabilità gravi tal-ġenituri li jgħallmu 'l uliedhom il-prinċipji tad-Duttrina Nisranija biex hekk inisslu fihom konvinzjoni fir-reliġjon li jħaddnu u ferħ li jgħixuha. Ebda skuża ma tista' tneħħi r-responsabilità tal-ġenituri rigward it-tagħlim tad-Duttrina. F'dinja ta' tant taqlib u varjetà ta' twemmin, wliedna għandhom jingħataw formazzjoni u informazzjoni dwar ir-Reliġjon Kattolika, biex hekk il-fidi ta' wliedna tkun tassew fidi ta' konvinzjoni.
J'Alla li l-familja tkun tassew: **Knisja ċkejkna** fejn isir it-talb flimkien; **Pedament tas-Soċjetà,** għax it-tfal tal-lum huma l-irġiel ta' għada; u **Arka ta' Salvazzjoni** fejn il-ħajja t-tajba tkun il-garanzija ta' l-għaqda li ma tinħall qatt fil-glorja tal-Ġenna.

# BIEX NIBNU DINJA AĦJAR . . .

**Inħarsu lejn il-Faqar Tagħna:**

Kulħadd sema' b'Madre Tereza ta' Culcutta. Dik is-soru li ntefgħet b'ruħha u b'ġisimha tgħin lill-fqar tal-Indja. Laqgħatna fatt żgħir minn ħajjitha. Din il-mara li rat b'għajnejha u misset b'idejha l-faqar veru (nies bil-ġuħ, nies qed imutu mitfugħin barra fit-triq, nies bla kura medika . . .), meta dan l-aħħar staqsewha "min huma l-fqar?", ma qaltilhomx "dawk li m'għandhomx x'jieklu" imma weġbithom hekk: "DAWK LI M'HUMIEX MAĦBUBA". U meta reġgħu staqsewha "U dawn il-fqar fejn qegħdin?" hi qaltilhom: "FORSI FI DJARKOM STESS". Dan hu l-ġdiem li qed iħassar ħajjitna u ħajjet dawk li qed igħixu magħna. Tajjeb li nħarsu ftit madwarna u nitħassru bina nfusna qabel ma nitħassru b'dawk tal-bogħod!

**Iben ta' Bidwi kien:**

Meta 25 sena ilu, fuq l-ogħla tron ta' Pietru, tela' iben ta'' bidwi — il-Kardinal Angelo Roncalli, ta' 77 sena — id-Dinja Kattolika baqgħet mistagħġba b'din l-għażla, għax il-Patrijarka ta' Venezja ftit li xejn kien magħruf. Imma dan il-bniedem, li ħa l-isem ta' Ġwanni XXIII, fi żmien qasir ta prova tal-għerf tiegħu, imħallat ma' l-umiltà u l-ħlewwa ta' missier. Fil-ħames snin tal-Pontifikat tiegħu, irnexxielu jbiddel il-libsa tal-Knisja u jtiha ħajja ġdida. Ġwanni XXIII jibqa' mfakkar għall-Konċilju Vatikan II u l-moviment ġdid ta' Ekumeniżmu li tant għaqqad il-knejjes mifrudin. Kulħadd jaf bil-ġid spiritwali li ħareġ mill-Konċilju, ġid li għadu jinħass sallum. L-għaqda tal-knejjes, veru, għadha ma seħħitx kif hi x-xewqa ta' ħafna; però llum spiċċat dik il-gwerra tal-kliem li tant kienet tifred. Fit-3 ta' Ġunju 1963 (20 sena ilu) tħabbret il-mewt tal-Papa Ġwanni. Minn dik id-data 'l hawn, id-dinja ntebħet bil-kobor tas-sempliċi Angelo li f'ħames snin ħadem bla heda għall-ġid tal-Knisja.

**Il-Virtù tal-Imħabba**

Meta darba l-Kurat ta' Ars kien ġej lura lejn il-parroċċa tiegħu, għadda minn qalb l-għelieqi. U f'daqqa waħda ġie d-dmugħ f'għajnejh, tant li dawk li kienu miegħu staqsewh għaliex qed jibki. U hu qalilhom: "Għax qed ngħid f'qalbi, kos, Alla ħalaq l-għasafar biex ikantaw u huma qed ikantaw; Alla ħalaq is-siġar biex jagħtu l-frott u huma qed jagħtu l-frott; Alla ħalaq ix-xemx biex iddawwal u biex issaħħan u x-xemx qed iddawwal u ssaħħan. U Alla ħalaq il-bniedem biex iħobbu iżda huwa mhux qed iħobbu".

**Is-Salib Sabiħ**

Darba waħda l-Kardinal Eugenio Pacelli, li wara sar il-Papa XII, mar iżur wieħed Ambaxxatur f'Ruma. Damu ħafna jitkellmu, sa fil-għaxija fit-tard. It-tfal ta' l-Ambaxxatur ħasbu li missierhom kien qiegħed waħdu. U għalhekk daħlu fil-kamra fejn l-Ambaxxatur u l-Kardinal kienu qegħdin jitkellmu. Daħlu biex isellmu lil missierhom qabel jorqdu. It-tfal inħasdu meta raw lill-Kardinal għax ma kienux jafu li qiegħed hemm. Pacelli nduna bihom u mar ikellimhom. Meta dawn it-tfal raw li kien dħuli ħafna, bdew ikellmuh. It-tifel il-kbir ħares lejn is-salib imdendel ma' għonq il-Kardinal u qal: "Kemm għandek salib sabiħ, Eċċelenza". Il-Kardinal neħħieħ minn ma' għonqu u libbsu lit-tifel. Dan kif ħass is-salib ma' għonqu qallu: "Imma kemm hu tqil is-salib". Biex nakkwistaw dik it-tgawdija — Salib Sabiħ — irridu nbagħtu — It-Toqol tas-Salib.



**ĠIMGĦA TA' AĠĠORNAMENT RELIĠJUŻ**

"IL-PROBLEMI TAŻ-ŻMENIJIET TAGĦNA FID-DAWL TAL-FIDI NISRANIJA"

mit-Tnejn sas-Sibt, 14-19 ta' Novembru

**Taħdita kuljum fis-6.00 p.m.**

**mill-E.T. MONS ISQOF NIKOL CAUCHI**

*Matul din il-ġimgħa ssir Quddiesa waħda biss filgħaxija* – **fil-5.30p.m**

# *BI ĦSIEBEK TAGĦMEL PRESEPJU?*



*Fost in-nies li jagħmlu l-presepju, issib lil min jagħmlu fuq il-VERU, imma hemm ħafna li ma jħabblux rashom fuq hekk, l-aqwa li l-presepju li jagħmlu jkun sabiħ. Hawnhekk sa ngħidu erba' kelmiet fuq kif wieħed għandu jagħmel presepju fuq il-veru.*

*Fi żmien Ġesù, Betlehem kienet raħal żgħir ħafna. Fiha u madwarha ma kienx hemm ħlief ftit ragħajja u bdiewa. Kull familja kienet tgħammar ġewwa kamra waħda, għalhekk ftit kien hemm djar. Betlehem tinsab fuq żewġ għoljiet, waħda ftit ogħla mill-oħra. Imma dak iż-żmien kienet mibnija fuq l-għolja l-kbira biss; l-għar fejn twieled Ġesù kien fil-bidu tan-niżla tal-għolja l-baxxa; fi kliem ieħor, kien ftit bgħod minn Betlehem. Dawn iż-żewġ għoljiet kienu mdawrin bil-widien minn kullimkien barra minn naħa tal-majjistral fejn kien hemm it-triq li tieħu lejn Gerusalemm*

*F'Betlehem kien hemm kerrejjà kbira, x'aktarx fuq ras l-għolja l-kbira ħalli tidher mill-bogħod. Madwar Betlehem, l-aktar fil-widien, kien hemm kotra ta' siġar tal-frott; dak il-frott li jissemma fil-bibbja, qisu l-frott kollu barra l-larinġ u l-bajtar tax-xewk.*

*Jekk trid tagħmel presepju fuq il-veru, tagħmilx il-minaretti tal-misilmin. Meta twieled Kristu, kien baqgħalhom sitt mitt sena biex jidhru l-Misilmin. L-anqas m'għandek tagħmel imtieħen tar-riħ għax ma kienx hemm. Il-qamħ u x-xgħir kienu jitħnuh in-nisa, kull mara titħan kemm teħtieġ għal dak in-nhar, f'mitħna żgħira b'żewġ ħaġriet ċatti, jew jitħnuh l-irġiel b'mitħna naqra kbira, tal-ħaġar iswed. Meta tagħmel il-pasturi trid tagħti kas ta' x'kienu jilbsu n-nies. Meta l-irġiel kienu jkunu jaħdmu, kienu jilbsu libsa tas-suf tan-ngħaġ, bajda biss, jekk ikun is-sajf, u fuqha bħal qmis tal-qoton, bil-kmiem dojoq, miżbugħa, jekk tkun ix-xitwa; u f'rashom bħal kallotta tal-ħajt tas-suf, maħduma bil-ganġ, waħedha, jew imdawwar magħha bħal turbant żgħir. In-nisa jilbsu libsa sħiħa, bħal bluża, blu, bil-kmiem wesgħin, u bil-ponta mdendla 'l isfel u fuq rashom ħarqa kbira bajda, mitwija għal tnejn, ponta ma' ponta, bit-truf tagħha mitluqa għal wara d-dahar.*

*Mela jekk trid il-presepju tiegħek jixbaħ il-veru, ngħamluhekk; żewġ għoljiet, tal-lemin ogħla minn tax-xellug. Fuq il-quċċata tal-kbira, biċċa bini mrebbgħa, bil-bieb kbir, b'bitħa u b'bir fin-nofs, u bi twieqi żgħar għal barra, twieqi tewmin, tnejn tnejn. Din hija l-kerrejja. Madwarha, djar baxxi, bħad-djar tar-raba' ta' Malta kull kemm, b'xi waħda b'għorfa fuq. Aktar ma titbiegħed mill-kerrejja, aktar id-djar jeħtiefu. Bejn id-djar agħmel triq li tieħu għall-kerrejja, b'xi ġemel jew ħmar, b'raġel isuqu jew riekeb fuqu. L-għolja l-oħra miksija bl-egħlieqi, u xi kamra 'l hawn u 'l hinn. Bejn l-għoljiet għaddejja trejqa li tieħu għal ġewwa l-wied. Ftit 'l isfel minn ras l-għolja, għar, mhux naturali, fejn għandek twaqqaf il-maxtura li fuqha tmidd il-Bambin. L-egħlieqi agħmilhom bil-ħitan baxxi tas-sejjieħ u b'xi kastell żgħir għall-għassa. Tinsiex tagħmel xi siġar tat-tin, taż-żebbuġ, tal-lewż u ta' frott ieħor li jissemma fil-Bibbja. Agħmel ragħajja jirgħu n-ngħaġ, u xi bidwi jaħrat jew jagħżaq. Tagħmilx fran, għax fran ma kellhomx. Il-ħobż kien ikun ftajjar, moħmi ġewwa ħaġa jgħidulha tabun, li jkun moħbi wara d-dar. Wara Betlehem pinġi żewġ għoljiet, donnhom żewġ żnieġel wiċċhom 'l isfel. Fuq l-ogħla waħda, sawwar bħal kastell, li kienet il-fortizza li kien bena Erodi.*

*U hekk ikollok presepju fuq il-veru, mhux b'ħafna stħajjiliet qarrieqa.*

Kitba meħudha minn artiklu li kien deher f'Leħen l-Art Imqaddsa Ott-Diċ 1963



# IL-QADDIS TAX-XAHAR

**San Tumas Becket (1118 - 1170)**



Tumas ta' Londra, kif il-martri futur kien iħobb isejjaħ lilu nnifsu, twieled f'Cheapside, qrib Londra fil-21 ta' Diċembru 1118. Sfortunatament fit li xejn nafu dwar tfulitu. Ta' 24 sena daħal fis-servizz ta' Teoboldu, Arċisqof ta' Canterbury, li ma damx ma ntebaħ bl-intelliġenza u għaqal taż-żgħażugħ, tant li ipperswadieh jieħu l-Ordni Sagri fi żmien li Neriku II laħaq Sultan ta' l-Ingilterra. Dan Neriku għażel lil Becket biex ikun il-Kanċellier ta' l-Ingilterra, u wara l-mewt ta' Teoboldu fl-1161 ħatru mbagħad l-Arċisqof il-ġdid ta' Cantebury. Meta sema' b'din il-ħatra Tumas widdeb lil Neriku "Jekk tassew hi r-rieda t'Alla li jien insir Arċisqof ta' Canterbury, jien u int ma ndumux ma niksruha, u l-imħabba li int għandek għalija għad tinbidel f'mibgħeda".

Għal xi żmien ir-relazzjonijiet bejn Neriku u Becket baqgħu tajbin iżda ftit ftit kollox kien qed juri li l-ħbiberija ta' bejniethom kienet se tintemm. U tassew il-ġlieda bdiet tiħrax għax Neriku beda jsib opposizzjoni qawwija minn Tumas għal kull ħaġa li ried jagħmel kontra l-Knisja. F'dan iż-kellu jaħrab lejn Franza minħabba l-persekuzzjonijiet kbar li sofra, iżda reġa' lura l-Ingilterra sitt snin wara.

Ir-Re Neriku kien għadu kollu għadab u mibgħeda għalih. F'telfa ta' rabja qal il-famużi kelmiet: "Kif? Ma hawn ħadd f'saltnati li jeħlisni minnu dal-qassis baxx?" Erba' kavallieri ħatfuh fil-kelma u telqu malajr bil-ħsieb li jneħħu min-nofs lill-Arċisqof. Kienu d-29 ta' Diċ Diċembru 1170, filgħaxija; waqt il-kant tal-Vespri, l-erba' kavallieri daħlu fil-knisja fejn kien hemm Tumas f'riġlejn l-artal, u f'ħabta u sabta qabżu fuqu u ħallewh stendut mal-art. L-istorja ġriet bħal leħħa ta' berqa ma' l-Ewropa kollha. Is-Sultan Neriku patta għal dnubu pubblikament f'Lulju 1174; Tumas Becket kien ġa ilu sena u nofs ikkanonizzat mill-Papa Alessandru. Fis-7 ta' Lulju 1220 il-ġisem tiegħu tqiegħed solleniment f'relikwarju wara l-artal maġġur tal-Katidral tiegħu.

*Il-Knisja tiċċelebra l-festa tiegħu fid-29 ta' Diċembru.*

*IL-KUNĊIZZJONI*

**Il-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani fil-Belt Victoria din is-sena ser tiġi ċelebrata nhar il-Hadd, 4 ta' Diċembru. Tkun ħaġa xierqa kieku dak in-nhar kull wieħed u waħda minna nħarsu din il-festa tant għażiża bi qrara u tqarbina sinċiera.**

## TINSIEX

Din is-sena tinsiex, ħabib, li waqt li inti fi ftit ġimgħat oħra qed tgawdi l-Festa Kbira tal-Milied mill-aħjar li tista', jinsabu wkoll nies li ma jistgħux igawduha bħalek. Bla ma tnaqqas xejn mil-ferħ tiegħek, dawwar ħsiebek lejn dawn u fejn tista' għinhom, imqarr b'talba mħeġġa lil Ġesù Bambin, biex isawwab balzmu ta' faraġ fi qlub dawn in-nies.

## Donazzjonijiet għar-Rivista:

LM5 — G. Cassar LM3.50 (10 Can Dollars) N. Saliba (Canada); LM1 — Mons. E. Mercieca; Fr. S. Borg, Fr. F. Tabone, Fr. L. Bezzina, Fr. J. Farrugia, M. Zammit (Australia), F. Gatt, N.N., D. Cassar, A. Vella, A. Said, M. Galea, G. Borg, G. Ellis, G. Mejlak, F. Mizzi, F. Attard, S. Galea, N.N., T. Gauci, M. Grech u M. Cassar.

# GĦALIKOM TFAL!

*Kif intom? Naħseb li lkoll kemm intom għadkom tiftakru tajjeb il-ġranet sbieħ tas-sajf, kemm ġrejtu, għomtu u ddivertejtu. Imma issa għadda ftit taż-żmien sewwa minn dawk il-jiem u bdejtu żmien ta' xogħol, studju u attivitajiet.*
*Għandi nifhem li s'issa qbadtu sewwa r-ritmu tax-xitwa. L-iskola ilha li bdiet u nittama li qegħdin tistudjaw u tagħmlu x-xogħol tagħkom sewwa. Ftakru li dan huwa dmir tagħkom, u jekk ma tagħmluhx kif imiss, tkunu qegħdin tonqsu.*
*Tfal, tinsewx li qegħdin f'Novembru, ix-xahar tal-mejtin. Ma ninsewhomx, iżda niftakru fihom kuljum fit-talb tagħna. Li niftakru fil-mejtin huwa wkoll dmir tagħna. Mela, nitolbu għalihom biex jaslu ħdejn Alla fit-tgawdija ta' dejjem.*
*Barra dan, il-Milied qed joqrob ġmielu u naħseb li diġa' bdejtu taħsbu għall-presepju. Tfal, żewġ affarijiet irrid ingħidilkom dwar din il-festa sabiħa u għażiża għal kulħadd, b'mod speċjali għalikom it-tfal.*
*L-ewwelnett, niftakru ftit li l-Milied huwa l-ġrajja tal-miġja fid-dinja ta' l-Iben t'Alla, Ġesù. Fi kliem ieħor, il-Milied huwa l-ġrajja ta' l-imħabba kbira li Ġesù wera għalina l-bnedmin. Huwa niżel mis-Sema għalina biex bil-Mewt tiegħu jifdina minn dnubietna u jerġa' jħabbibna m'Alla Misierna. Ta' dan, tfal, għandna ngħidu "grazzi" kbira lil Ġesù, waqt li f'ħajjitna rridu naraw x'nagħmlu biex inpattulu għall-imħabba bla qies tiegħu għalina.*
*It-tieni ħaġa, tfal: fil-jiem tal-Milied Imqaddes, intom taqilgħu bosta rigali sbieħ. Tajjeb li tiftakru ftit f'dawk it-tfal li huma inqas ixxurtjati minnkom, u, imsieken, m'għandhomx min jixtrilhom rigali. Tinsewhomx tfal. Qisu li lkoll kemm intom taħsbu fihom u tibagħtulhom xi rigal żgħir mill-ħafna li tiddubbaw intom. Żgur li jieħdu gost, u gost ikbar jieħu Ġesù Bambin.*
*Għal-lum xejn iżjed, tfal. Nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom Milied ħieni u Sena Ġdida mimlija b'kull barka u ġid tas-Sema.*

**Iz-Ziju Peppi**

## OPRA OĦRA ĠDIDA



**Fil-Kappella ta' Ġesu — Maria, aktar kmieni din is-sena, sar xogħol ta' induratura fuq il-prospettiva ta' l-Artal tas-Sagrament. Fl-istess waqt, il-kwadru ta' fuq l-artal (li jidher fuq il-lemin) ġie wkoll restawrat. Ix-xogħol tal-induratura u restawrar sar minn Gużeppi Sagona (Victoria) u tħallas minn Benefattur tal-parroċċa, li lilu nirringrazzjaw mill-qalb.**

### KULL LAQXA TIRFED L-IMRAMMA

Meta wieħed irid jagħmel il-ġid, mhux dejjem isib il-mezzi adattati. Illum, mezz effikaċi biex tilħaq lil kulħadd huwa bla dubju l-istampa. Kien għalhekk li tlett snin ilu ħassejna l-ħtieġa li nippubblikaw IL-BELT VICTORIA. Hekk il-messaġġ nisrani jasal żgur lill-parruċċani kollha.
Biss l-istampa, bħal kull ħaġ'oħra, teħtieġ sussidju finanzjarju matul is-sena kollha. Biżżejjed ngħidulkom li kull ħarġa qed tiġina qrib LM50. Mhux hekk biss! Nibgħatulha lil bosta emigranti u dan allura jfisser spiża ta' Lm14 posta kull darba.
Dan qed ngħiduhulkom biex tkunu tafu l-affarijiet kif inhuma. Hawn min diġa' ntebah li għandu jgħin din ir-rivista, u lil dwn nirringrazzjawhom. Oħrajn iżda, u dawn huma bosta, baqgħu indifferenti għal kollox. Min irid igħin, dejjem jista' jgħin. Kull laqxa tirfed l-imramma. Kull offerta tista' tingħata fl-Uffiċċju Parrokjali jew lid-Distributuri ta' din ir-rivista. L-emigranti għandhom jibgħatu l-kontribuzzjoni tagħhom f'dan l-indirizz: The Editor, IL-BELT VICTORIA, St. George's Parish, Victoria, Gozo, Malta.

## ŻJARA MILL-KARDINAL SALV. PAPPALARDO



Nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru il-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ laqgħet fi ħdana lill-Kardinal Salvatore Pappalardo, il-Mibgħut Speċjali tal-Papa fl-okkażjoni ta' għeluq il-Kungressi Marjani Internazzjonali li saru f'Malta u l-Festi Ċentinarji tal-Madonna Ta' Pinu li nżammu f'Għawdex. Fiż-żjara li huwa għamel fil-Bażilika ta' San Ġorġ, l-Eminenza Tiegħu kien akkumpanjat mill-Arċisqof Metropolita, Mons. Giuseppi Mercieca, u mill-Isqof Djoċesan, Mons. Nikol Cauchi. L-Arċipriet tal-Bażilika, Mons. E. Mercieca ta merħba lill-Kardinal mal-wasla tiegħu f'Misraħ San Ġorġ u akkumpanjah sal-artal maġġur, mnejn l-Em. Tiegħu indirizza lill-pubbliku li ħanaq il-knisja.

Bħala tifkira tal-okkażjoni l-Arċipriet offra karlotta lill-Kardinal f'isem il-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan; Mons. Pappalardo, minn naħa tiegħu, irregala l-karlotta tiegħu lill-Bażilika. Il-Kardinal Pappalardo temm din iż-żjara qasira billi ta l-Barka Apostolika u iffirma l-Visitors Book.



## TWAQQFET IL-LADIES SOCIETY

Bi pjaċir ninnotaw li fi ħdan il-parroċċa tagħna għadha kif twaqqfet għaqda ġdida miftuħa għax-xebbiet u n-nisa. L-għaqda ġġib l-isem "Ladies Society — St. George's Parish" u twaqqfet fuq talba li saret dan l-aħħar minn għadd ta' membri nisa tal-parroċċa.

L-għan tal-Ladies Society huwa primarjament li toħloq sens akbar ta' spirtu komunitarju fost il-membri nisa tal-parroċċa ta' San Ġorġ permezz ta' attivitajiet reliġjużi, filantropiċi u kulturali, u li tgħin billi tagħti s-sehem tagħha fil-manutenzjoni u t-tindif tal-Bażilika kull meta jinħass il-bżonn.

Il-membri tal-Kumitat Organiżżattiv huma dawn: President - Georgina Xerri; Vici-President - Antoinette Frendo; Segretarja - Adelina Camilleri; Asst. Segretarja - Carrie Zammit; P.R.O. - Georgina Cassar; Teżorier - Tarcisia Mizzi; Membri - Antoinette Azzopardi, Antoinette Borg, Vitorina Borg, Carmen Cassar u Georgina Xuereb. Bħala Chaplain u Delegat tal-Arċipriet il-Kumitat għandu lil Fr. Joseph Farrugia.

Wara biss ftit ġranet mit-twaqqif tagħha l-L.D. żammet l-ewwel attività nhar l-Erbgħa 12 t'Ottubru 1983. Din kienet tikkonsisti f'Coffee Morning fir-Restaurant Ta' Pinu, li għaliha attendew għadd verament sabiħ ta' membri, kif jixhed ir-ritratt t'hawn fuq.

Programm sħiħ ta' attivitajiet ġie mfassal għax-xhur li ġejjin. Bejn Novembru u Diċembru l-L.D. għandha żewġ attivitajiet oħra: (1) Kors tal-Helu immexxi minn Wenzu Borg u (2) Christmas Bazaar li se jsir fil-ġimgħa ta' wara l-festa tal-Kunċizzjoni.

Minn dawn il-kolonni nifirħu lil Ladies Society tal-ħidma li diġa' bdiet twettaq fost il-parruċċani nisa ta' San Ġorġ u NAWGURAWLHA.



A & M Printing Ltd. Qala, Tel. 553217